# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' April 2002**

**Avviz. numru 138/02**

**Numru 10**

**Hal Mann Limited**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenut tigi kundannata thallas is-somma ta' tlett elef u disgha u erbghin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm3,049.74) rapprezentanti l-valur ta' *supply and laying* ta' madum u *skirting* ta' l-irham provduti u esegwiti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, fil-fond "The Tudor Hotel", 52, Triq Sir Arturo Mercieca, Sliema, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 t’Ottubru 2000, u tal-Mandat ta‘ Sekwestru Kawtelatorju Nru 342/02, u bl-imghax legali dekoribbli mis-16 ta’ Frar 1998, sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra s-socjeta konvenuta rapprezentanti ta’ liema gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet attrici, liema nota giet prezentata “seduta stante” illum stess.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm3049.74,0 bl-imghax legali mis-16 ta’ Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 t’Ottubru 2000 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 342/02.

Alan Calleja
Deputat Registratur